# Is-sejba tat-tempji megalitiċi ta' Ħal Tarxien.

*jikteb Jos. A. FARRUGIA.*



Fil-Wirja li l-Kunsill Lokali organizza għal 'Jum Ħal Tarxien' ta' 1995, kien hemm pittura tal-kittieb u anke pittur Tarxiniż, il-Kav. R. Bonniċi Calì, li turi kif kien ħdejn iċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ għall-ħabta ta' 1920. F'din il-pittura tidher il-faċċata taċ-ċimiterju, kif ukoll raġel ħiereġ minn kmajra u sejjer lejn xatba u hemm ukoll xi nisa jitolbu u l-bqija kullimkien raba. Dik l-għalqa li kienet biswit iċ-ċimiterju, kienet tal-Gvern, iżda kien jaħdimha ċertu Wenzu Despott, 'Pajpara', dak ir-raġel li rajna fil-pittura imsemmija ħiereġ mill-kmajra u sejjer lejn dik ix-xatba ta' l-għalqa li kienet tinsab fit-Tramuntana taċ-ċimiterju u kienu jgħidulha 'tal-Bajjada'. Dan il-bidwi, meta kien jaħrat fil-fond, dik l-għalqa, kien ta' spiss jaħbat ma' xi ġebla kbira u ġieli ukoll tella' xi xaqquf.

Għalhekk, dan il-bidwi qal b'din il-biċċa lill-ħabib tiegħu Ninu Cremona, li dak iż-żmien kien Spettur Sanitarju u kien joqgħod f'Ħal Tarxien fi Triq Santa Marija. Fil-kitba tiegħu 'Ħal Tarxien f'Żogħżiti', is-sur Nin Cremona jgħidilna li 'spiss kont nara, għal wara nofs in-nhar, lil wieħed raġel ftit u xejn imgħammar biż-żmien, imgħobbi b'daqxejn ta' ċurniena fuq spalltu, jaqbad il-mogħdija ta' sqaq li jagħti għall-għelieqi ta' maġenb iċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ. Dak ir-raġel kont nafu sew mill-wiċċ, ġieli ltqajna u għedna xi kelmtejn flimkien. Kien joqgħod f'waħda mid-djar qodma ta' Triq il-Kbira, li tagħti għall-Misraħ ta' quddiem il-Knisja.' Jirrakonta ukoll, kif darba waħda kien mar l-uffiċċju tiegħu, jiġifieri f'parti mill-Villa Aspinall, dan Wenzu Despott, 'Pajpara', tarrafli li fil-waqt li jkun qed jaħrat, ta' spiss is-sikka tal-moħriet kienet taħbatlu ma' xi ħaġa kbira. Hu spjegali li l-għalqa kienet ħdejn iċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ u jgħidulha 'ta' Bajjada'. Hu qalli ukoll, li l-bidwi ta' qablu, Peppi 'Borza', kien ukoll jiġrilu hekk.

Is-sur Nin, wara ftit tal-ġranet, kellem lit-tabib (wara Sir) Temi Zammit, li barra li kien il-Prinċipal tiegħu, kien ukoll Direttur tal-Mużew ta' l-Arkeoloġija, fuq li qallu Wenzu 'Pajpara' dwar dik il-biċċa li s-sikka tal-moħriet ġieli weħlet ma' xi ġebla kbira. Għadda ftit taż-żmien ieħor u l-bidwi tagħna mar hu wkoll ikellem lill-Profs. T. Zammit. F'wieħed mill-kotba tiegħu, 'The Tarxien Prehistoric Temples', il-Profs. T. Zammit isemmi,li bidwi minn Ħal Tarxien kien mar ikellmu, għall-ħabta ta' Lulju 1913, dwar id-diffikulta li kellu meta kien jaħrat l-għalqa tiegħu magħrufa bħala tal-'Bajada', li kienet tigi fin-naħa tat-Tramuntana taċ-Ċimiterju ta' l-istess raħal. Meta marru fl-għalqa, is-sur Nin, il-Profs. T. Zammit, kif ukoll flimkien ma' Wenzu, ma setgħux jaraw xejn speċjali,għajr li kienet għalqa maħduma tajjeb. Kien wara li l-bidwi għamel trinka ta' xi żewġ piedi (60 ċentimetru) fond għal nofs l-għalqa, li Profs. Zammit induna li kien hemm xi ħaġa mhux tas-soltu. Is-sur Nin jgħidilna, li 'Profs. Żammit, wara li ġie mikxuf biċċa sewwa matul l-għalqa, u ra b'għajnejħ dak il-ħaġar kbir, intebaħ li hemm taħt kien hemm moħbi xi bini qadim ta' żmien il-Ħaġar jew Żmien il-Bronż, u għalhekk kellu bil-fors jgħarraf b'din is-sejba lill-Gvern, biex ikun jista' iqabbad in-nies biex iħaffru l-għalqa kollha.' Ix-xogħol ta' tħaffir ma bedix qabel Lulju 1915, wara li ġew ivvutati l-flus għal dan il-proġett. Ftit wara li beda t-tħaffir, malajr deher li ma kienx hemm ħaġa oħra ħlief xi maqdes ta' żmien il-qedem, bħal dawk li kienu nstabu xi snin qabel fl-Imnajdra u Ħaġar Qim. Deher ukoll li dak il-bini qadim, wara li minnu kienu ttieħdu ħafna ġebel, intradam, intela' bil-ħamrija u b'hekk sar l-għalqa li kien jaħdem Wenzu. It-tħaffir dam sejjer sas-sena 1920, meta deher biċ-ċar kif kien magħmul dak il-bini, jiġifieri, tlett iżwieġ ta' bini għamla ta' qwas minfudin ma' xulxin permezz ta' mogħdija. Il-Profs. Zammit jikteb, li b'dan

il-kxif instabu tliet tempji ta' żmien il-Ħaġar ta' 3000 sena Qabel Kristu, fejn il-bniedem ta' dak iż-żmien kien jadura l-alla Mara, l-alla tal-fertilità.

Hu jaċċertana li dan il-monument hu uniku fid-dinja għall-arkitettura u skultura li fih. Din l-istorja tas-sejba tat-Tempji Megalitiċi tar-raħal tagħna hi misjuba ukoll, bejn wieħed u ieħor, fil-ktieb ta' E. B. Vella bl-isem 'Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid' (1932), kif ukoll fil-ktieb ta' V. Battistino bl-isem ta' 'Ħal Tarxien' (1993).

Il-kittieb tal-folklor G. Cassar Pulliċino, fl-artikli tiegħu 'Ħal Tarxien fi Tfuliti', li kienu dehru fil-'Leħen is-Sewwa' ta' Ġunju \ Lulju 1994, jiftakar sewwa dan l-episodju mill-istorja ta' Ħal Tarxien. Hu jgħidilna li, 'waħda mill-eqdem tifkiriet li għandi, hija sewwa sew id-dehra ta' Wenzu magħruf bħala 'Pajpara', xi snin wara li spiċċa it-tħaffir tat-Tempji, għaddej mill-istess mogħdija li kienet tagħti għaċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ, li kienet tibda minn ħdejn Salib tal-ġebel fi Triq Santa Marija, bl-imfietaħ f'idejh, biex jiftaħ ix-xatba li minnha dak iż-żmien, l-Ingliżi u frustiera oħra, kienu jidħlu biex jaraw dawk it-Tempji Neolitiċi li poġġew lil Ħal Tarxien fuq il-Mappa tad-dinja.' Kemm is-sur G. Cassar Pullicino, kif ukoll il-Kav. R. Bonnici Calì, għadhom jiftakru sewwa il-kliem tas-surmast ta' l-iskola ta' dak iż-żmien, li kien is-sur E. B. Vella, li kien iħeġġeġ lit-tfal biex jgħożżu dan il-bini Megalitiku li għandna f'Ħal Tarxien.




91 Cross Road • Marsa (*Opposite Parish Church*)
Tel: 21245944 • Fax: 21418153

*No Connection with other Shops*